MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-14 ta' April, 2015

Numru. 298/2015

**Il-Pulizija**
**Spettur Daryl Borg**

**VS**

**Mahamed Hassan Muhudin detentur tal-karta tal-identita' numru 82053A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Mahamed Hassan Muhudin** li gie akkuzat talli bejn l-14 ta' Marzu, 2015 u l-15 ta' Marzu, 2015 fil-Marsa u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta’ handbag ta’ lewn iswed bi flus kontanti u diversi oggetti ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta’ Salem Shittaw u Matter Hamed Musa u/jew persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Rat illi fl-istess data, hin, lok, u cirikostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, liema valur globali jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli kkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza hekk kif moghtija nhar it-18 ta’ Ottubru, 2013 mill-Magistrat Dr C Peralta LL.D., liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel.

Rat illi mal-interrogatorju l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.,

Rat illi huwa rregistra ammissjoni bikrija;

Rat illi zamm ferm tali ammissjoni;

Semghet lid-derubat jixhed illi kienet fil-fatt giet ritornata lilu r-res furtiva, kif spjega l-Ispettur, dan ghax gera warajh u qabdu.

Considerando dan, considerando li l-istess derubat kien fil-fatt habib tal-imputat;
Tqis ukoll is-sentenza sospiza fuqu, u qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlettax(13)-il xahar, u dan wara li rat l-Artikoli 267 u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tqis ir-ricettazzjoni bhala Kap alternattiv.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, testendi s-sentenza sospiza b'dan illi ghandha tibda tiddekorri mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------